MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1159/2005

**Edward Camilleri (ID-126768M)**
**vs**

**Eleno sive Lino Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), li nghatat lilu b'cekk numru 296 tal-Bank of Valletta u datat 7 ta' Frar, 2005, liema hlas sar akkont ta' l-ispejjez ta' tiswijiet li l-konvenut accetta li jaghmel fuq il-vettura tal-attur bin-numru AAN-135, liema xogholijiet l-konvenut naqas li jaghmel.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fit-8 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa'**

**ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00) bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Gunju, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------